**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 202/17 AL

**ab**
**vs**

**cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewwgu fit-tlieta u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (23.11.1996) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'EP 1;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled wild wiehed, ossia, IB li twieled fis-sebgha u ghoxrin ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgha u

disghin (27.04.1997) kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'EP 2' konsegwentement ghandu ghoxrin (20) sena;

3. Illi l-hajja konjugali bejn r-rikorrenti u l-intimata ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti u l-intimata resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat tlieta ta' Frar tas-sena elfejn (3.02.2000) fl-atti tan-Nutar Dottor Nathalie Pace Asciak, kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'EP 3';

4. Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom separati legalment ghal iktar minn hames (5) snin, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi skond il-kuntratt surreferit r-rikorrenti u l-intimata iddekadew mid-dritt reciproku tal-manteniment filwaqt li r-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas s-somma ta' sittin lira Maltin (Lm 60) ossia mija u disgha u tletin Ewro u sitta u sebghin centezmi tal-Ewro (€139.76) fix-xahar bhala manteniment ghal Isaac Pulis;

6. Illi r-rikorrenti dejjem hallas il-manteniment dovut regolarment kif kontemplat fil-klawsola bin-numru tlieta (3) ittra 'b' tal-kuntratt ta separazzjoni surreferit, filwaqt li llum ebda manteniment ma huwa dovut stante li Isaac Pulis illum huwa maggiorenni u jinsab f'impjieg u konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew kwistjonijiet ta' manteniment;

7. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

(i) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimata;
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tar-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata, prezenti fl-awla, titlob li tigi awtorizzata li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Abela;

Ir-rikorrenti ukoll prezenti fl-awla ma opponix;

Il-Qorti tilqa' t-talba u tordna notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Registru pubbliku ghall-azzjoni mehtiega;

Il-Qorti semghet lill-intimata, prezenti fl-awla, tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Frar 2000;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.